

Il-Ġurnal Uffiċjali C 523

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 64

28 ta' Diċembru 2021

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI

il-Kunsill

2021/C 523/01	Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill	1
2021/C 523/02	Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni	2

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2021/C 523/03	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10416 — STELLANTIS / FIH / JV) ⁽¹⁾	3
---------------	---	---

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

L-Awtorità Ewropea dwar Is-Sigurtà fl-Ikel

2021/C 523/04	Netwerking ta' organizzazzjonijiet li jaħdmu fl-oqsma tal-missjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)	4
---------------	--	---

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2021/C 523/05	Informazzjoni li taw l-istati membri dwar l-għeluq tas-sajd	5
---------------	---	---

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Parlament Ewropew

2021/C 523/06	Deċiżjoni	6
---------------	-----------------	---

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2021/C 523/07	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Kawża M.10585 — APMH INVEST / UNILABS) — Kawża li tista' tiġi kkunsidrata għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	8
---------------	--	---

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Komunikazzjonijiet)

DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI

IL-KUNSILL

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill

(2021/C 523/01)

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu li l-baġit operazzjonali minimu għall-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022) għandu jiġi stabbilit għal EUR 8 miljun. Minn dak l-ammont, EUR 3 miljun ser jiġu mill-baġit annwali għall-2022 tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u EUR 5 miljun ser jiġu mill-baġit annwali għall-2022 tal-programm Erasmus +.

Barra minn hekk, il-koleġiżlaturi huma impenjati li jħallu legat deġġemi tas-Sena Ewropea, lil hinn mill-2022. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja, f'konformità mal-Artikolu 314 TFUE, kwalunkwe finanzjament addizzjonali lil hinn mill-2022 għandu jiġi identifikat fi ħdan il-QFP 2021-2027.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

(2021/C 523/02)

Il-Kummissjoni tieġu nota tal-qbil tal-koleġiżlaturi li jintroduċu baġit operazzjonali minimu ta' EUR 8 miljun għall-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022), mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' kontribuzzjonijiet komplementari minn programmi u strumenti rilevanti oħra tal-Unjoni flimkien ma' dan l-ammont ta' EUR 8 miljun.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ser twettaq eżerċizzju ta' mmappjar matul is-Sena u ser taġġornah regolarment billi tiddekrivi l-kontribuzzjonijiet possibbli u reali mill-programmi u l-istrumenti tal-UE għall-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ u tirrapporta dwar l-attivitajiet. Il-progress fl-implimentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet mill-programmi tal-Unjoni ser jiġi ppreżentat regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jitqiesu bħala komplementari u oġhla mill-baġit operazzjonali minimu ta' EUR 8 miljun.

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.10416 — STELLANTIS / FIH / JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 523/03)

Fit 25 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32021M10416. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

L-AWTORITÀ EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL

**Netwerking ta' organizzazzjonijiet li jaħdmu fl-oqsma tal-missjoni tal-Awtorità Ewropea dwar
is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)**

(2021/C 523/04)

Regolament (KE) Nru 178/2002 ⁽¹⁾, l-Artikolu 36(2), jipprevedi li “*Il-Bord tal-Amministrazzjoni*” tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, “*waqt li jaġixxi fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv, għandu jħejji lista li għandha tiġi ppubblikata ta’ l-organizzazzjonijiet kompetenti nnominati mill-Istati Membri li jistgħu jgħinu lill-Awtorità, jew individwalment jew f’networks, fil-missjoni tagħha.*”

Din il-lista l-ewwel ġiet imħejjija mill-Bords tal-Amministrazzjoni tal-EFSA fid-19 ta' Diċembru 2006, u minn dakinhar:

- i. qiegħda tiġi aġġornata regolarment, abbażi tal-proposti tad-Direttur Eżekuttiv tal-EFSA, waqt li jitqiesu r-reviżjonijiet jew proposti ta' deżinjazzjoni ġodda mill-Istati Membri (skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2230/2004, l-Artikolu 2(4) ⁽²⁾); u
- ii. ipubblikata fuq is-sit web tal-EFSA, fejn hi ppubblikata l-aħħar lista aġġornata ta' organizzazzjonijiet kompetenti.

Din l-informazzjoni rispettiva hi disponibbli fuq is-sit web tal-EFSA, fil-links li ġejjin:

- i. l-aħħar emenda ta' din il-lista ta' organizzazzjonijiet kompetenti mill-Bord tal-Amministrazzjoni tal-EFSA fl-[16 ta' Diċembru 2021] – [<https://www.efsa.europa.eu/en/events/event/89th-management-board-web-meeting>]; u
- ii. il-lista aġġornata ta' organizzazzjonijiet kompetenti – <http://www.efsa.europa.eu/en/partnersnetworks/scorg>.

L-EFSA se żżomm din in-notifika aġġornata, speċifikament fir-rigward tal-links tas-sit web ipprovduti.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lil Cooperation.Article36@efsa.europa.eu.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, tal-1.2.2002, p. 1).

⁽²⁾ ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2230/2004 tat-23 ta' Diċembru 2004 li jindika termini ta' applikazzjoni tar-Regolament 178/2002 f'dak li għandu x'jaqsam max-xibka ta' organizzazzjonijiet li jaħdmu fl-oqsma li jiddependu mill-missjoni tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (ĠU L 379, tal-24.12.2004, p. 64), kif l-aħħar emendat.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Informazzjoni li taw l-istati membri dwar l-għeluq tas-sajd

(2021/C 523/05)

F'konformità mal-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, ittieħdet deċiżjoni li s-sajd jingħalaq kif stabbilit fit-tabella ta' hawn taħt:

Data u ħin tal-għeluq	Fit-30 ta' Novembru 2021 f'00:00 UTC
Durata	Fit-30 ta' Novembru 2021 f'00:00 UTC - sal-31 ta' Diċembru 2021
Stat Membru	L-Unjoni Ewropea (Stati Membri Kollha)
Stokk jew Grupp ta' stokkijiet	HER/* 2AJMN
Speċi	Aringa (<i>Clupea harengus</i>)
Żona	L-ilmijiet Norveġiżi fit-Tramuntana ta' 62° N u ż-żona ta' sajd madwar Jan Mayen
Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd	—
Numru ta' referenza	20/TQ92

(¹) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-PARLAMENT EWROPEW

DEĊIŻJONI

(2021/C 523/06)

IS-SEGRETARJU ĠENERALI TAL-PARLAMENT EWROPEW,

- WARA LI KKUNSIDRA r-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ⁽¹⁾, kif emendat b'mod partikolari bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 30 tar-Regolamenti tal-Persunal,
- WARA LI KKUNSIDRA d-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Jannar 2014 dwar id-delega tas-setgħat tal-awtorità tal-ħatra u tal-awtorità bis-setgħa li tikkonkludi kuntratti ta' impjieg,
- WARA LI KKUNSIDRA l-iskadenza fil-31 ta' Diċembru 2021 tal-listi ta' riżerva u l-listi tal-kandidati tal-Parlament Ewropew li ġejjin:
PE/168/S, PE/171/S, PE/186/S, AD/1/16, AD/2/16 (P), AD/2/18, PE/200/S, AST/1/13, AST/2/16 (P), AST/1/17, AST/1/16, PE/197/S,
- WARA LI KKUNSIDRA l-opinjoni tal-Kumitat Konġunt mogħtija waqt il-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021,

IDDEĊIEDA:

Artikolu 1

Il-perjodu tal-validità tal-listi ta' riżerva u l-listi tal-kandidati:

PE/168/S, PE/171/S, PE/186/S, AD/1/16, AD/2/16 (P), AD/2/18, AST/1/13, AST/2/16 (P), AST/1/17

huwa estiż sal-31 ta' Diċembru 2022.

Artikolu 2

Il-perjodu tal-validità tal-listi ta' riżerva u l-listi tal-kandidati:

PE/200/S, AST/1/16, PE/197/S

mhuwiex estiż.

⁽¹⁾ ĠUL 56, 4.3.1968, p. 1.⁽²⁾ ĠUL 287, 29.10.2013, p. 15.

Brussell, it-30 ta' Novembru 2021.

Klaus WELLE
Segretarju ġenerali

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.10585 — APMH INVEST / UNILABS)

Kawża li tista' tiġi kkunsidrata għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 523/07)

1. Fis-17 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- APMH Invest A/S ("APMHI", id-Danimarka), ikkontrollata minn A.P. Møller Holding A/S ("APMH", id-Danimarka);
- Unilabs Holding AB ("Unilabs", l-Iżvizzera), ikkontrollata minn Cidra GP S.à.r.l (il-Lussemburgu).

APMHI takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Unilabs.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' azzjonijiet.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal APMHI: kumpanija ta' investiment attiva globalment, b'investimenti f'Maersk Tankers, Maersk Product Tankers, A. P. Moller Capital, KK Wind Solutions Holding A/S, Faerch, Nissens Cooling Solutions, Maersk Drilling, Danske Bank A/S u investimenti finanzjarji oħra fi dħul fiss u titoli. APMH tikkontrolla wkoll lil A.P. Møller-Mærsk A/S, kumpanija integrata tat-trasport u tal-loġistika b'attivitajiet globali.
- għal Unilabs: fornitur ta' servizzi dijanjostiċi, li huwa attiv fil-forniment ta' servizzi ta' ttestjar bijomediku (magħrufa wkoll bħala CLTS), servizzi ta' immaġni mediċi, servizzi ta' mediċina riproduttiva u servizzi ta' żvilupp tad-droga. Hija għandha laboratorji u/jew ċentri ta' immaġni f'diversi pajjiżi tal-UE u mhux tal-UE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾, ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10585 — APMH INVEST / UNILABS

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' ittra elettronika, bil-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz Elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Fax +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)